

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-Deċiżjoni tikser il-prinċipju li ħadd ma għandu jiġi kkastigat darbtejn għall-istess offiża billi Marine Harvest ġiet imposta multi talli (i) naqset milli tinnotifika l-Akkwist ta' Diċembru 2012 qabel ma (ii) implementatha billi akkwistat it-titlu għas-sehem ta' 48.5 % f'Morpol.
4. Ir-raba' motiv ibbażat, sussidjarament, fuq il-fatt li d-Deċiżjoni imponiet multi fuq' Marine Harvest bi ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, "nullum crimen, nulla poena sine lege", u ta' ugwaljanza fit-trattament, minħabba n-novità tal-kwistjonijiet fattwali u legali f'dan il-każ u tat-trattament riċenti tal-Kummissjoni ta' każ paragħunabbli, li fih hija (i) ma fethixx investigazzjoni, (ii) ma laħqitx konklużjoni definitiva u vinkolanti fuq il-portata tal-Artikoli 7(1) u 7(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, u (iii) ma imponitx multa.
5. Il-ħames motiv ibbażat, b'mod iktar sussidjarju, fuq il-fatt li id-Deċiżjoni tinkludi żabalji manifesti ta' liġi u ta' fatt u jonqosha l-motivazzjoni fl-istabbiliment ta' livelli tal-multi f'dan il-każ, għaliex (i) ma tispiegax kif ġew ikkalkolati l-multi (ii) tenfasizza l-gravità tal-ksur allegati b'riferiment għall-fatturi li ma jsostnuhiex, (iii) tinkludi fit-tul perijodi ta' ksur li hija teskludi f'każzjiet oħra fuq raġunijiet żabaljati li Marine Harvest ma kinitx disponibbli b'mod suffiċċenti fil-perijodu ta' qabel in-notifika, (iv) tistabbilixxi l-multi f'livell li huwa sproporzjonat fir-rigward tat-tul u l-gravità tal-ksur allegat, u l-għanijiet li għandhom jinkisbu, u (v) tinjora ċirkustanzi attenwanti, inkluż il-proċess trasparenti u kooperattiv ta' kontroll tal-amalgamazzjoni, l-assenza ta' preċedenzri rilevanti u l-iżball skużabbli mwettaq waqt il-ksur allegat.

Rikors ippreżzentat fit-2 ta' Ottubru 2014 – Grundig Multimedia vs UASI (DetergentOptimiser)

(Kawża T-707/14)

(2014/C 409/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Grundig Multimedia AG (Stansstad, l-Isveizzera) (rappreżentanti: S. Walter u M. Neuner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-9 ta' Lulju 2014 fil-Każ R 172/2014-1;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedimenti, inklużi dawk sostnuti quddiem mill-Uffiċċju.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "DetergentOptimiser" għal prodotti fil-Klassi 7 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 949 559

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009